# Il-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Istatwa tal-Ġebel f'Misraħ il-Qalb ta' Ġesù

**Kitba ta' Mario Fenech**

*L-istatwa li jirreferi għaliha l-awtur f'din il-kitba tinsab proprju fiċ-ċentru tal-attenzjoni tagħna din is-sena, għaliex skont id-data li ġġib fuqha, hija twaqqfet f'dan il-post 175 sena ilu. Dan hu anniversarju sabiħ li ħasra ma sar xejn, la mill-parroċċa u lanqas mill-Kunsill Lokali, biex jikkomemorah. Hija xi ħaġa li għandna nkunu kburin biha, dik li statwa tal-qaddis patrun għażiż tagħna San Ġiljan, li saħansitra naqqax ismu f'dak tal-lokalità tagħna, ilha hemm dan iż-żmien kollu xhieda tad-devozzjoni li kellhom lejh missirijietna. Illum sa dendilna televixin mal-pedestall tiegħu, donnu rridu nfissru li għandna affarijiet oħra biex nehdew illum. X'ħasra. Jalla l-proġett li nafu li qed jinħema fi ħdan il-Ministeru tal-Ambjent u l-Affarijiet Rurali li hu intenzjonat li jsebbaħ il-pjazza ewlenija ta' San Ġiljan, jieħu ħsieb ukoll lil din l-istatwa biex jagħtiha l-glorja u l-ġieħ li jixirqilha.*

*M'għandniex tagħrif dwar min għamilha, din l-istatwa, u meta u kif tqiegħdet hemm. Iżda d-data tal-1836 li hemm imnaqqxin fuq il-lapida li għandha fuq il-pedestall tagħha jagħtuna indikazzjoni ta' kemm ilha hemm.*



L-irħama li tinstab fuq il-kolonna tal-istatwa tal-ġebel ta' San Ġiljan li turi d-digriet li ħareġ l-Isqof F.S. Caruana f'Settembru 1836 fejn ta 40 jum t'indulġenza għal kull min devozzjonalment jgħid Missierna, Sliema u Glorja *ad unur* San Ġiljan

*L-istoriċi u kittieba oħra dwar il-folklor jitkellmu ħafna dwar din l-istatwa u l-menqa li kien hemm qribha. L-indikazzjonijiet huma li ommijiet inkwetati b'uliedhom marradija kienu jġibu l-istess uliedhom, li jkunu għadhom trabi, hemmhekk u filwaqt li jidfnuhom sa għonqhom fir-ramel li kien hemm fil-bajja fil-qrib, kienu jmorru jitolbu quddiem l-istatwa ta' San Ġiljan, sabiex ifejjaqulhom. Proprjament mhux biex 'ifejjaqulhom' kienu jġibuh hemm imma biex 'jibdilulhom'. Iva għax dak iż-żmien kien hemm twemmin li meta tarbija timrad kmieni, dan ikun għax xi ħadd kien ġie bil-moħbi u bidel t-tarbija b'saħħitha li kellhom ma' oħra marradija. Għaldaqstant it-talba kienet tkun biex San Ġiljan jagħtihom lura t-tarbija b'saħħitha li kellhom. Jekk wieħed jaqbeż qabża sal-Knisja ta' Lapsi fi żmien il-festa, u jittawwal fin-niċċa l-antika ta' San Ġiljan, għandu jara numru ta' ex voto, oġġetti żgħar li kienu jinġiebu lill-qaddis b'radd ta' ħajr għall-grazzja li jkun qalagħlhom.*

*F'dan l-artiklu, Mario Fenech jesprimi ruħu f'vena nostalġika għal dak iż-żmien meta l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġiljan kienet wieqfa waħidha f'din il-bajja ta' ġewwa. Illum tinsab fil-qalba tal-istorbju, mużika għolja, ġuvintur u tfajliet nofshom imneżżgħin fis-sakra, u traffiku ma jaqta' xejn, lejl u nhar. Għalhekk nistednukom tgawdu dawn ir-ritratti u l-erba' kelmiet sbieħ li tana s-Sur Fenech, u nittamaw ukoll li titħeġġu biex tagħtu l-kontribut tagħkom ukoll biex dak li ħallewlna missirijietna ma nitilfuhx f'ġieh il-progress.*

Ftit huma dawk li ta' spiss jgħaddu minn San Ġiljan u jimmaginaw kif kien dan ir-raħal 'il fuq minn mitt sena ilu. Kien żmien meta t-trankwilità kienet xi ħaġa ta' kuljum u 'l ftit nies li kienu jabitaw f'dawn l-inħawi kienu




Il-lanċa f'San Ġiljan wara li nfetħet Triq Grenfell fil-bidu tas-seklu għoxrin

nies umli, ħafna minnhom sajjieda jew bdiewa li jaqilgħu l-għixien tagħhom mir-raba' tal-inħawi.

Il-ftit bini li kien hemm kien l-aktar ikkonċentrat madwar il-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' San Ġiljan, magħrufa popolarment bħala Ta' Lapsi, filwaqt li djar żgħar oħrajn kienu jintużaw għall-villeġġjatura minn dawn li kienu jinżlu lejn San Ġiljan waqt ix-xhur sħan tas-Sajf.

Kien hemm xi ftit djar kbar li nbnew mad-dawra tal-bajja b'uħud minnhom li għadna ngawduhom sal-lum. Il-baħar minn dejjem kien fattur importanti f'dan ir-raħal, fejn naraw li lura fil-bidu tal-formazzjoni tar-raħal, il-Balliju Spinola kien ħa ħsieb jibni l-loġoġ għal kenn tas-sajjieda tal-inħawi.

Aktar tard kienet inbniet il-menqa fuq in-naħa l-oħra tal-bajja li maż-żmien kienet tneħħiet biex tagħmel wisa' għat-triq ta' mad-dawra tal-baħar u l-pont li miegħu kienet torbot il-lanċa li kienet iġġib in-nies lejn San Ġiljan u lura minn Tas-Sliema u mill-Belt.

Ir-ritratti li għażilt għal ma' dan l-artiklu tiegħi juruna kif kienet il-ħajja madwar il-bajja ta' San Ġiljan madwar mitt sena ilu u fuqhom.

Il-menqa ma għadhiex teżisti, filwaqt li l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġiljan ma baqgħetx imdawwra bil-kwiet, iżda bl-istorbju tan-nies tal-mużika u l-vetturi.

Il-loġoġ, għalkemm għadhom weqfin, illum qegħdin jintużaw għal skopijiet totalment differenti minn dawk li għalihom kienu nbnew.

Il-fatt hu li fil-preżent, ir-raħal ta' San Ġiljan minn post kwiet għall-villeġġjatura nbidel f'wieħed mimli kummerċ u attività. Ħaġa waħda baqgħet l-istess, l-isem tal-Patrun tar-Raħal, San Ġiljan.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd!



Il-Bajja ta' Spinola fil-Port ta' San Ġiljan u l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġiljan

# 175 Sena f'Misraħ il-Qalb ta' Ġesù

1836–2011

